# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 5 ta' Frar 2001**

**Avviz. numru 721/00**

**Numru 27**

**Vivaldi Hotel Operations Limited**

**vs**

**Micro Travel Limited**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba mija u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm455) rappresentanti l-bilanc dovut fuq akkomodazzjoni u servizzi ohra provduti gewwa The Golden Tulip Vivaldi Hotel fuq inkarigu tas-socjeta konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali u bl-imghax legali min-notifika tal-ittra ufficjata sad-data tal-affettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx fit-22 ta' Jannar 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm455.00,0 bl-imghax legali mit-30 ta' Mejju 2000 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali bla data, imsemmija fl-istess avviz.

Alan Calleja
Dep.Reg